MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2013

Numru. 478/2013

**Il-Pulizija
(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Arnaud Pierre Charles**

**Kumpilazzjoni Nru: 478/2013**

## Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Arnaud Pierre Charles, ta’ 24 sena, bin Yvon u Veronique, nee’ Vilain, imwieled Franza, nhar il-21 ta’ Awissu, 1989, u joqghod numru 43, Flat 202, Triq Ghar id-Dud, Sliema u 21, Rue De La Croix, 41500, Muides-Sur-Loire, Franza u detentur tal-karta ta’ l-identita Maltija b’numru 0080498(M) u

detentur tal-karta ta’ l-identita Franciza bin-numru 120841101033;

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar il-15 ta’ Settembru, 2013 u fis-sena ta’ qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ordni ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokuemtni esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, kif ukoll l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 8(a) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------